



Brussell, 24 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15658/23

LIMITE

JAI 1517  
COPEN 400  
RELEX 1346  
IPCR 62  
COJUR 57

#### NOTA

|                           |                                                                                                                                                                   |
|---------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Presidenza                                                                                                                                                        |
| lil:                      | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                     |
| Nru. dok. preċ.: 13632/23 |                                                                                                                                                                   |
| Suġġett:                  | Risponsi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna<br>– Is-sitwazzjoni attwali |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq.

\_\_\_\_\_

**Risponsi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward ta' delitti mwettqa b'rabta mal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – Is-sitwazzjoni attwali**

Sa mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill ġie pprovdut regolarment bis-sitwazzjoni attwali rigward ir-risponsi ġudizzjarji u l-ġlieda kontra l-impunità. Is-sitwazzjoni attwali preċedenti ġiet ipprovduta għal-laqgħa tal-Kunsill ĠAI tal-20 ta' Ottubru (dok. 13632/23). B'mod partikolari ġie enfasizzat il-bidu tal-attivitajiet ta' Ċentru Internazzjonali għall-Prosekuzzjoni tad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna (ICPA) u l-iżvilupp tal-Bażi ta' Data ta' Evidenza dwar Delitti Internazzjonali Ewlenin (CICED) fil-Eurojust kif ukoll il-Konferenza ministerjali f'Riga tal-11 ta' Settembru, il-Konferenza tal-Parteċipanti tar-Reġistru tad-Danni, ukoll f'Riga, tat-12 ta' Settembru, u l-iżviluppi dwar l-istrumenti leġiżlattivi.

Fis-26 u s-27 ta' Ottubru, il-Kunsill Ewropew fakkar li r-Russja u t-tmexxija tagħha jridu jinżammu kompletament responsabbli għall-gwerra ta' aggressjoni li qed imexxu kontra l-Ukrajna u delitti oħra l-aktar serji skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew appella biex titkompla l-ħidma, inkluż fil-Grupp Prinċipali, fl-isforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna li jgawdi l-akbar appoġġ u leġittimità transreġjonali, u għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kumpens futur. Barra minn hekk, il-Kunsill Ewropew esprima l-appoġġ tiegħu għall-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u kkundanna t-tentattivi Russi biex idgħajfu l-mandat u l-funzjonament internazzjonali tagħha.

Bil-ħsieb tal-Kunsill ĠAI tal-4 ta' Diċembru, il-Presidenza tixtieq tiġbed l-attenzjoni tad-delegazzjonijiet għall-aspetti li ġejjin:

L-appoġġ għall-attivitajiet imwettqa mill-iskwadra ta' investigazzjoni konġunta (SIK) dwar l-allegati delitti internazzjonali ewlenin imwettqa fl-Ukrajna u l-ICPA, it-tnejn stabbiliti fil-Eurojust kif ukoll assistiti minnha, qed ikompli jikber.

Fil-5 ta' Ottubru, il-Europol ingħaqdet mas-SIK bħala parteċipant, bil-ħsieb li ttipprovdi appoġġ analitiku u forensiku lill-membri tas-SIK, b'mod partikolari fil-qasam tal-intelligence minn sorsi miftuħa (OSINT). Din l-assoċjazzjoni tirrappreżenta progress tanġibbli fl-iżgurar ta' appoġġ ikkoordinat mill-Eurojust u l-Europol għall-awtoritajiet nazzjonali li jinvestigaw delitti internazzjonali ewlenin fl-Ukrajna. F'konformità mar-Regolament 2022/838, iż-żewġ aġenziji qed jaħdmu flimkien biex jidentifikaw aktar mekkaniżmi ta' kooperazzjoni prattiċi u dinamiċi.

Mill-bidu tal-operazzjonijiet tal-ICPA, il-Eurojust ħadmet mal-membri tal-ICPA fuq id-definizzjoni ta' strateġija ta' prosekuzzjoni, filwaqt li analizzat l-evidenza eżistenti u l-lakuni possibbli. Il-membri tal-ICPA jiltaqgħu fil-Eurojust kull ġimgħa biex jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet u jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' appoġġ addizzjonali, inkluż kontributi futuri possibbli minn esperti.

Wara l-iffirmar fit-3 ta' Marzu 2023 ta' memorandum ta' qbil mas-seba' awtoritajiet nazzjonali tas-SIK (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ukrajna), l-Istati Uniti ħabbru uffiċjalment li ser jipprovdu USD 1 miljun lill-ICPA. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja ser tiġi mgħoddija permezz tal-istrument baġitarju tal-Unjoni li pprovda l-finanzjament tal-bidu (Strumenti tal-Politika Barranija). Dan huwa pass ieħor lejn l-internazzjonalizzazzjoni tal-ICPA. Fl-istess ħin, il-Eurojust qed taħdem fuq l-introduzzjoni gradwali tas-CICED, li s'issa kkontribwew għaliha 13-il pajjiż – inkluż l-Ukrajna u l-Istati Uniti. Il-Presidenza Spanjola tkompli thegġegħ lill-Istati Membri kollha biex jikkontribwixxu għas-CICED.

L-attivitajiet għat-tiżh tal-kapaċitajiet u tal-għarfien expert komplew jintensifikaw. Fid-19 ta' Ottubru, in-Network għall-Ġenoċidju ppubblika dokument intitolat "The crime of aggression in the national laws of EU Member States, Genocide Network Observer States and Ukraine" (Id-delitt ta' aggressjoni fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, l-Istati Osservaturi tan-Network għall-Ġenoċidju u l-Ukrajna). Id-dokument jipprovdi ħarsa ġenerali lejn id-definizzjonijiet nazzjonali tad-delitt ta' aggressjoni fl-Istati Membri tal-UE, l-Istati Osservaturi tan-Network għall-Ġenoċidju u l-Ukrajna, u d-dispożizzjonijiet relatati dwar il-ġurisdizzjoni. Dan jipprovdi sfond utli għall-ħidma tal-ICPA, li jikkomplementa l-isforzi operazzjonali tiegħu.

Il-Eurojust u l-Ukrajna qed jikkopresiedu l-fluss ta' ħidma tal-Grupp ta' Djalogu dwar l-investigazzjonijiet nazzjonali, li għandu l-għan li jippromwovi l-fehim tal-isfidi ewlenin fil-ħidma investigattiva nazzjonali u jidentifika b'mod konġunt soluzzjonijiet fil-livell ta' politika. Fit-tieni laqgħa tiegħu, fis-26 ta' Ottubru, il-fluss ta' ħidma ddiskuta l-isfidi relatati mal-evidenza tal-investigazzjonijiet wara l-kontribut mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jipparteċipaw fil-fluss ta' ħidma. F'dan il-kuntest, ġew enfasizzati il-kontestazzjonijiet proċedurali, b'mod partikolari l-ammissibbiltà tal-evidenza.

Fir-rigward tal-informazzjoni miġbura u ppreservata mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) dwar delitti internazzjonali, jidher li għadu diffiċli li din titqies ammissibbli quddiem il-qrati nazzjonali, għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li r-rekwiżiti tal-ammissibbiltà tal-evidenza jvarjaw bejn l-Istati Membri.

Dan is-suġġett ġie diskuss minn rappreżentanti mill-awtoritajiet ġudizzjarji u għoxrin OSC mill-Ukrajna u l-pajjiżi sħab fir-raba' laqgħa *ad hoc* dwar il-gwerra fl-Ukrajna organizzata min-Network Ewropew għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tad-delitt tal-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u d-delitti tal-gwerra ("Network għall-Ġenoċidju") fid-9 ta' Novembru. Id-diskussjonijiet tal-laqgħat iffukaw fuq ir-rwol tal-OSC fil-ġbir u l-analiżi tal-informazzjoni – inkluż dwar id-delitt ta' aggressjoni u d-delitti mwettqa minn atturi militari privati – u l-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali.

Rigward l-isforzi biex jiġi stabbilit tribunal għall-prosekuzzjoni tad-delitt ta' aggressjoni, il-kwistjoni hija ttrattata fil-Kunsill mill-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku (COJUR), li ddiskuta l-kwistjoni fis-6 ta' Ottubru. Fil-livell internazzjonali, il-forum fejn isiru diskussjonijiet huwa l-Grupp Prinċipali, grupp ta' stati tal-istess fehma. 40 stat ħadu sehem fl-aħħar laqgħa tal-Grupp Prinċipali, f'Berlin fis-16 ta' Novembru. Il-laqgħa li jmiss tal-Grupp Prinċipali ser issir f'Jannar 2024.

Ir-Reġistru tad-Danni għall-Ukrajna ser iservi bħala rekord ta' pretensjonijiet u evidenza dwar dannu, telf jew korriment ikkawżat mill-atti internazzjonalment illegali tal-Federazzjoni Russa fl-Ukrajna jew kontriha. It-tielet laqgħa tal-Konferenza tal-Parteċipanti saret fis-16 ta' Novembru fi Strasburgu. F'din il-laqgħa ġew eletti s-seba' membri tal-Bord tar-Reġistru, ġie adottat il-baġit annwali għall-2024 u l-baġit proviżorju għall-2025 u sar qbil dwar strateġija ta' sensibilizzazzjoni biex is-sħubija tar-Reġistru tiġi estiża għal pajjiżi terzi. Il-Bord huwa wieħed mill-korpi prinċipali tar-Reġistru u huwa kritiku għat-tnedija tal-ħidma ewlenija tar-Reġistru, jiġifieri l-proposta tar-regoli u l-proċeduri li jirregolaw il-ħidma tar-Reġistru u t-teħid ta' determinazzjonijiet finali dwar pretensjonijiet eliġibbli li jistgħu jiġu rreġistrati fir-Reġistru. L-enfasi inizjali tar-Reġistru ser tkun ukoll fuq l-iżvilupp tal-pjattaforma diġitali tiegħu. L-għan huwa li jibda l-operazzjonijiet ewlenin tiegħu, jiġifieri li jilqa' l-pretensjonijiet, fl-ewwel tliet xhur tal-2024.

Il-Presidenza tat-prijorità għolja lill-kisba ta' progress fir-rigward taż-żewġ strumenti leġiżlattivi mressqa fis-settur tal-ġustizzja li għandhom rabta mal-effettività tal-miżuri restrittivi tal-UE.

L-ewwel strument huwa l-proposta għal Direttiva dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi li tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u tipi u livelli ta' sanzjonijiet. It-tieni trilogu għal dan sar fis-26 ta' Settembru. L-oġettiv taż-żewġ koleġiżlaturi huwa li jintlaħaq qbil sħiħ taħt il-Presidenza Spanjola. It-tielet u possibbilment l-aħħar trilogu huwa ppjanat għat-30 ta' Novembru.

It-tieni strument huwa l-proposta għal Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi li ser testendi l-possibbiltajiet għall-konfiska, inkluż ta' "ġid mhux ġustifikat", u ssaħħaħ l-azzjoni tal-uffiċċji nazzjonali għall-irkupru tal-assi. Dan ser ikun applikabbli, fost affarijiet oħra, għal reati koperti mid-Direttiva relatati mal-ksur ta' miżuri restrittivi. L-oġettiv taż-żewġ koleġiżlaturi huwa li jintlaħaq qbil taħt il-Presidenza Spanjola. Il-ħidma kompliet fil-livell tekniku wara t-tieni trilogu li sar fit-3 ta' Ottubru. It-tielet u possibbilment l-aħħar trilogu huwa ppjanat għat-12 ta' Diċembru.